MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2003

Numru. 270/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**-vs-**

**JOSEPH ATTARD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH ATTARD** bin Laurence u Mary nee Gatt residenti fil-fond numru 5, Maria Bambina, Triq John Otto Bayer, Xaghra u detentur tal-karta tal-identita` 57953 (G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli fis-sittax ta' Mejju, 2003 fi Triq Marsalforn, Xaghra, saq Truck bin-numru ta' registrazzjoni KBE 295 minghajr licenzja specifika tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku ta' Malta, ghall-kategorija mehtiega ghall-vettura hawn

imsemmija, ghalhekk jigi li ma kienx kopert b'polza t'assigurazzjoni ghal riskji ta' terzi persuni.

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba li tinpedixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien li jidrilha xieraq.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lil PS 187 jghid li l-imputat kien qed isuq l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBE 295 registrata f'isem Lorenzo Attard u kien involut f'kollizjoni ma vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBD 179 waqt li kienet wieqfa.

**Il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat JOSEPH ATTARD hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM 250) li ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM 25) bl-applikazzjoni tal-artikolu 14 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Oltre dan tordna li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzja tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' sena.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------